MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 35/2024 LM

**Dolores Mizzi (K.I. numru 675452(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Atlas Insurance PCC Limited (C 5601)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Atlas Insurance PCC Limited (C 5601)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] mogħtija fit-12 ta' April, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa' l-ilment tar-rikorrent **Dolores Mizzi (K.I. numru 675452(M))**

[minn issa 'l quddiem 'l-appellata'] fil-konfront tagħha, u ordnalha sabiex tonora l-*claim* tal-appellata, u tħallasha s-somma ta' elf disgħa u għoxrin Euro (€1,029), bl-imgħax ta' 4.5% mid-data tad-deċiżjoni appellata sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż tal-proċedura.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw polza ta' assikurazzjoni fuq l-ivvjaġġar maħruġa mis-soċjetà appellanta lill-appellata. Din tal-aħħar kienet ibbukkjat ġita ma' Britannia Services Ltd bejn l-24 ta' Awwisu, 2022 u t-30 ta' Awwissu, 2022, li mingħandha xtrat ukoll l-imsemmija polza ta' assikurazzjoni.[1] Lejlet dakinhar li l-appellata kienet sejra ssiefer, hija kellha inċident fejn laqtet sieqha ma' bank fil-knisja. Mill-ferita li għamlet beda ħiereġ ħafna demm, tant li hija kellha tirrikorri fid-Dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar Mater Dei, fejn filwaqt li ħadet il-kura neċessarja, ingħatat ukoll il-parir sabiex ma ssifirx.[2] L-appellata segwiet dan il-parir u kkanċellat il-ġita li kellha bbukkjata.[3] Sussegwentement hija talbet lis-soċjetà appellanta sabiex tonora l-obbligu tal-ħlas taħt il-polza ta' assikurazzjoni ta' dawk il-flus li hija kienet tilfet riżultat tal-kanċellament tal-imsemmija ġita, iżda s-soċjetà appellanta rrifjutat li tagħmel tajjeb għat-telf tagħha.

**Mertu**

3. L-appellata għalhekk ippreżentat ilment quddiem l-Arbitru fl-4 ta' Awwissu, 2023, fejn filwaqt li fissret fil-qosor il-fatti tal-każ tagħha, hija talbet

[1] Ara kopja polza *a fol.* 014 u kopja fattura *a fol.* 022 tal-atti tal-Arbitru.
[2] Ara kopja tad-*discharge note a fol.* 011 tal-atti tal-Arbitru.
[3] Ara kopja tan-nota tal-appellata *a fol.* 012 tal-atti tal-Arbitru.

sabiex is-soċjetà appellanta tħallas is-somma ta' elf u disgħa u għoxrin Euro (€1,029), rappreżentanti l-prezz tal-ġita li hija kellha tikkanċella riżultat tal-inċident li kellha.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-18 ta' Awwissu, 2023, billi eċċepiet li hija kienet eżentata taħt il-polza tal-assikurazzjoni milli tħallas is-somma pretiża.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. L-Arbitru ddeċieda li jilqa' l-ilment tal-appellata, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Analiżi u konsiderazzjoni***

*L-Arbitru, wara li eżamina d-dokumenti sottomessi, wara li sema' x-xhieda u xtarr l-intriċċi kollha ta' dan l-ilment, jgħaddi biex jagħmel analiżi u konsiderazzjonijiet li jwasslu għad-deċiżjoni skont Artiklu 19(3)(b) ta' KAP. 555 li jistipula li d-deċiżjoni tal-Arbitru tkun b'referenza għal dak li, fil-fehma tiegħu, ikun ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-każ.*

*Id-differenza bejn il-partijiet hija li l-Ilmentatriċi tiċħad li* claim *tagħha saret għax kellha xi marda* 'pre-existing' *ta'* varicose veins *iżda biss bħala riżultat tal-ferita li ġarrbet meta ħabtet saqajha ma' bank fil-knisja li wassal biex il-ferita issirilha punt u għal parir tat-tobba biex ma ssifirx u żżomm saqajha mgħollija.*

*B'sostenn ta' dan, l-Ilmentatriċi qalet li siefret qabel b'kopertura ta' assikurazzjoni, li ġiet ikkonfermata anke mill-Provditur tas-Servizz, u li dwarhom ma kien hemm problemi xejn.*

*Qalet ukoll li meta marret għal konsultazzjoni dwar* varicose veins *bħala* outpatient, *din kienet bi prekawzjoni tant li meta marret għat-tieni viżta f'Jannar 2022, qalulha li ma kienx hemm bżonn terġa' tmur aktar għal* check-ups *ta' prekawzjoni. Qalet ukoll li filwaqt li qrat id-dokumenti dwar l-assikurazzjoni li taha t-*tour operator, *ma fehmitx kollox iżda li ħadd ma staqsiha tiddikjara jekk kellhiex xi problemi mediċi.*

*Min-naħa l-oħra, il-Provditur tas-Servizz isostni li kellu raġun jiċħad il-*claim *għax din kienet skoperta skont il-kundizzjonijiet tal-polza għaliex:*

1. *Il-polza tgħid ċar li* 'any-prexisting medical conditions that exist or have existed within the 12 months from the date of application for cover' *huma elenkati fil-lista bħala* 'What is not insured?' *(fn. 13: P. 15)*

2. *Id-*Discharge Note *ta' Mater Dei datata 23 Awissu 2022 (fn. 14: P. 11) tgħid ċar li l-Ilmentatriċi* 'is a 69 year old known case of varicose veins'.

3. *Iċ-ċertifikat tat-tabib tal-familja stess datat 18 Settembru 2023 (fn. 15: P. 46 – 47) jgħid ċar li l-klijenta tiegħu issofri minn* 'chronic varicose veins' *u li kien bagħatha għal konsulta* outpatient *fl-2020.*

4. *Il-*medical history record *ippreżentat mill-Ilmentatriċi juri konsulti* outpatient *dwar* varicose veins *li saru fl-4 ta' Jannar 2020; 13 ta' Jannar 2021, 24 ta' Ġunju 2021; 15 ta' Jannar 2022; 3 ta' Marzu 2022. (fn. 16: P. 56 – 57)*

*L-Arbitru jrid jiddeċiedi liema l-aktar waħda minn dawn il-verżjonijiet hija ekwa, raġonevoli u ġusta jew jekk hemmx xi soluzzjoni fejn il-piż jinġarr miż-żewġ partijiet flimkien.*

*Fil-fehma tal-Arbitru, huwa ċar li kieku ma kienx hemm l-inċident li ħabtet saqajha u għamlet ferita, kieku probabbli ħafna li ma kien jiġri xejn u l-Ilmentatriċi kienet issiefer bħalma għamlet qabel meta wkoll kellha l-istess kopertura mal-istess* Atlas. *Jifhem ukoll, iżda, li l-problemi ta'* varicose veins, *irrispettivament minn jekk humiex kroniċi jew le, ikkontribwixxew biex wara l-inċident li rriżulta f'ferita li ddemma, tingħata parir mediku biex ma ssifirx.*

*Għalhekk forsi kien il-każ li ġaladarba l-*claim *kienet riżultat ta' żewġ fatturi distinti, wieħed inxurjat u l-ieħor dubjuż, il-partijiet misshom sabu soluzzjoni amikevoli li jġorru l-piż bejniethom. Iżda jidher li, f'dan il-każ, l-Assikuratur aktar fittex raġuni biex ma jħallasx il-*claim, *milli pprova jifhem eżatt il-fatti tal-każ.*

*Min-naħa l-oħra, l-Ilmentatriċi, skarsa minn konsapevolezza ta' termini mediċi, hija konvinta li ma kellhiex problema kronika ta'* varicose veins *għax qatt ma kellha inċident u ma kinetx tieħu mediċina għall-kura. U, skont hi, minkejja li t-tabib tagħha ddeskriva l-qagħda bħala kornika, hija marret għall-viżti mal-*vascular surgeon *f'*Mater Dei *bħala prekawzjoni u dan, fil-fatt, wara t-tieni appuntament, qalilha biex ma tmurx iżjed.*

*L-Arbitru ma għandux dubju li l-Ilmentatriċi kienet ġenwina u veritiera fix-xhieda tagħha. U ma jidhirx li fit-tnax-il xahar qabel ma ħarġet il-polza (jiġifieri mill-31 ta' Mejju 2021) kellha xi konsulenzi mediċi dwar din il-problema.*

*It-tliet konsulenzi li seħħew matul dawn it-tnax-il xahar, immarkati bħala evidenza ta'* pre-existing condition *mill-*Atlas, *(fn. 17: P. 57) kienu tnejn bla ebda konnessjoni evidenti mal-problemi vaskulari, u l-appuntament* Vascular Outpatiens *tal-15 ta' Jannar 2022 kien sempliċi* check-up *fuq dak li kien sar fis-sena 2020 u l-iSpeċjalista ddikjara li ma hemmx bżonn terġa' tmur għal* outpatient visits *iżjed dwar din il-problema.*

*Għalhekk, kollox ma' kollox, l-Arbitru ma jħossx li hemm każ li din il-*claim *kellha tiġi rrifjutata minħabba* 'any pre-existing medical condition that exist or have existed within the 12 months from the date of application for cover'. *Jekk il-kunċett ta'* pre-existing medical condition *jiġi estiż biex ikopri xi marda rieqda li dwarha l-assigurat ma jkunx konoxxenti u li dwarha ma tkun saret ebda konsultazzjoni medika għal aktar minn 12-il xahar qabel il-bidu tal-kopertura tal-polza, allura, kollox jista' jsir* 'pre-existent medical condtion'. *Allura, niġu f'pożizzjoni li l-Assikurazzjoni tinkassa l-*premium *bħalma għamlet fis-safar preċedenti tal-Ilmentatriċi u, imbagħad, meta ssir* claim *niskartawha għax* 'pre-existing medical condition'.

*Biex dan ma jsirx, l-Arbitru huwa tal-fehma li meta jinħarġu* travel policies *bħal dawn, fejn it-*Tour Operator *ikun ukoll* 'Tied Insurance Intermediary' *(u b'hekk tinħoloq ċerta possibilità ta' kunflitt ta' interess fejn it-*tour operator *jista' ma jispjegax sew x'inhu eskluż mill-*policy *biex ma jgerrixx xi klijent milli jibbukkja l-vaganza miegħu) hemm ħtieġa ta' spjegazzjoni aktar diretta bejn il-kumpannija tal-assikurazzjoni u l-assigurat billi jintbagħtu spjegi ċari, anke bil-lingwa Maltija, dwar eżattament x'mhux kopert fil-polza.*

*Għandu wkoll ikun hemm spjega speċifika dwar x'inhi l-esklużjoni minħabba* 'pre-existent medical condition'. *Għandu wkoll ikun hemm stedina biex kundizzjoni bħal din tiġi kjarifikata direttament mal-kumpannija tal-assikurazzjoni sabiex tinżamm il-privatezza tal-assigurat. Dan japplika aktar u aktar meta l-assigurat ikun xi ħadd anzjan bħall-Ilmentatriċi."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni appellata u ntavolat appell quddiem din il-Qorti fit-2 ta' Mejju , 2024, fejn talbet sabiex:

> *"...din l-Onorabbli Qorti tal-Appell takkolji dan l-appell u tgħaddi sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fit-12 ta' April 2024 fl-ismijiet premessi, fejn, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-socjetà esponenti, tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet tal-appellata fl-intier tagħhom.*
>
> *Bl-ispejjes taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellata."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li fid-dawl tal-provi li tressqu u skont il-liġi kif applikata mill-Qrati tagħna, l-Arbitru kellu jasal sabiex jammetti d-difiża tagħha.

7. L-appellata debitament notifikata, għażlet li ma tweġibx.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-uniku aggravju tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda l-Arbitru.

9. Is-soċjetà appellanta qiegħda tilmenta mill-fatt li l-Arbitru warrab id-difiża tagħha, u dan minkejja l-provi li tressqu quddiemu, u l-liġi kif applikata mill-Qrati. Tikkontendi li anki minn dak li qal l-Arbitru, jirriżulta li dan għaraf li kien hemm nuqqasijiet fil-pretensjonijiet tal-appellata, iżda minflok huwa straħ fuq premessa żbaljata, anki kontradittorja, meta fir-rigward tagħha kkunsidra li *'ma jidhirx li fit-tnax-il xahar qabel ma ħarġet il-polza (jiġifieri mill-31 ta' Mejju 2021) kellha xi konsulenzi mediċi dwar din il-problema'.* Is-soċjetà appellanta tissottometti b'riferiment għas-sezzjoni ntestata *'What is not insured?'* fid-dokument *'Travel Insurance (TravelPak Policy), Insurance Product Information Document',* li t-tnax-il xahar kienu jolqtu mhux *'konsulenzi mediċi'* iżda '*pre-existing medical conditions*'. Issostni li mill-provi jirriżulta li l-appellata kienet ilha tbati mill-kundizzjoni ta' '*varicose veins'* minn qabel ma nħarġet il-polza ta'

assikurazzjoni, u għalhekk din kellha tiġi kkunsidrata bħala *'pre-existing'.* Hawnhekk hija tagħmel riferiment in sostenn tal-argument tagħha għad-*Discharge Note* li saret mill-Isptar Mater Dei wara l-inċident tal-appellata, u anki għar-rapport tat-Tabin Kevin Grech, li l-appellata qalet li kien t-tabib tal-familja. Is-soċjetà appellanta tikkontendi illi li kieku l-appellata ma kellhiex storja medika ta' *'varicose veins',* ma kien ikun hemm l-ebda riskju ta' tnixxija ta' demm, u lanqas ma kienet tingħata l-parir li ma ssifirx, u dawn il-fatti saħansitra għarafhom ukoll l-Arbitru. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-Arbitru ma kienx korrett ukoll meta qal li *'ma jidhirx li fit-tnax-il xahar qabel ma ħarġet il-polza (jiġifieri mill-31 ta' Mejju 2021) kellha xi konsulenzi mediċi dwar din il-problema',* u tagħmel riferiment għall-istorja medika tal-appellata kif riprodotta *a fol.* 39 u 45 tal-atti tal-Arbitru. Is-soċjetà appellanta tissottometti li r-rapport rilaxxjat mill-konsulent Mr. Nebojsa Petrovic wara l-konsultazzjoni inizjali tal-4 ta' Jannar, 2020, jikkonferma li l-appellata kienet qiegħda tbati minn kundizzjoni ta' *'varicose veins'.* Tirrileva li kuntrarjament għal dak li osserva l-Arbitru li *'...l-appuntament* Vascular Outpatient *tal-15 ta' Jannar 2022 kien sempliċi* check-up *fuq dak li kien sar fis-sena 2020 u l-iSpeċjalista ddikjara li ma hemmx bżonn terġa' tmur għal* outpatient visits *iżjed dwar din il-problema',* jirriżulta mir-rapport tal-konsulent appena msemmi tal-15 ta' Jannar, 2022, li dan qal li *"[s]he is not willing to undergo foam sclerotherapy at this stage...We advise she visits her GP for assessment".* Tgħid li dan il-fatt saħansitra jikkontrasta mal-konklużjoni tal-Arbitru li *'ma jidhirx li fit-tnax-il xahar qabel ma ħarġet il-polza (jiġifieri mill-31 ta' Mejju 2021) kellha xi konsulenzi mediċi dwar din il-problema)',* u dan għaliex skont hu l-viżta kienet *'semplici check-up'.* Hija tissottometti li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha kienet iċċitat għadd ta'

deċiżjonijiet tal-Arbitru, fejn f'ċirkostanzi simili għal dawk riżultanti fil-każ odjern, huwa kkunsidra li '*ma sar xejn ħażin min-naħa tal-istess provditur tas-servizz meta ddeċieda li ma jħallasx il-*claim *imressqa a bażi ta' esklużjoni'.* Iżda tgħid li hawnhekk huwa kien minflok ikkunsidra li jeżistu ċirkostanzi partikolari, mingħajr madankollu ma spjega dawn x'kienu, għajr li *'l-ilmentatrici kienet ġenwina u veritiera fix-xhieda tagħha'.* Is-soċjetà appellanta tiċċita favur l-argument tagħha, dak li qal l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru, 2021, fl-ismijiet **GO *vs.* Island Insurance Brokers Limited et**, Każ numru 120/2020, u anki dak li qalet il-Qorti tal-Appelli (Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **P. u D. konuġi S. *vs.* Joseph Grech noe**, Appell Ċivili numru 1571/1992, tat-28 ta' Novembru, 2003. Tiċċita wkoll l-awturi Emmett J. Vaughan u Therese M. Vaughan mill-ktieb tagħhom **Fundamentals of Risk and Insurance**. Hija tikkontendi li l-iskop ta' polza ta' assikurazzjoni hija sabiex tkopri r-riskju li jista' jinqala' iżda li mhuwiex mistenni, u għalhekk fejn ir-riskju huwa wieħed saħansitra possibbli bħal ma ġara fil-każ odjern, l-esklużjonijiet fil-polza jirriduċu r-riskju. Is-soċjetà appellanta hawnhekk tagħmel ukoll riferiment għal dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Lulju, 2023, fl-ismijiet **Ludgarda Zammit et *vs.* Citadel Insurance p.l.c.**, Appell Inferjuri Numru 196/2019LM. Issostni li skorrett kien il-kumment tal-Arbitru li '*meta jinħarġu* travel policies *bħal dawn, fejn it-*Tour Operator *ikun ukoll* 'Tied Insurance Intermediary' *(u b'hekk tonħoloq ċerta possibilità ta' kunflitt ta' interess fejn it-*tour operator *jista' ma jispjegax sew x'inhu eskluż mill-*policy *biex ma jgerrixx xi klijent milli jibbukkja l-vaganza miegħu) hemm ħtieġa ta' spjegazzjoni aktar diretta bejn il-kumpannija tal-assikurazzjoni u l-assigurat billi jintbagħtu spjegi ċari, anke bil-lingwa Maltija, dwar eżattament x'mhux kopert fil-polza".* Tikkontendi li l-

allegat kunflitt ta' interess ma joħroġ minn imkien, u barra minn hekk l-appellata stess waqt ix-xhieda tagħha tat-28 ta' Novembru, 2023, ikkonfermat li hija kienet ingħatat d-dokumentazzjoni kollha relatata mal-polza ta' assikurazzjoni, u hija fil-fatt kienet esebietha kif jirriżulta minn *fol.* 13 sa 18 tal-atti tal-Arbitru. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-appellata ammettiet li kien hemm xi affarijiet li hija ma kinitx fehmet, iżda ammettiet ukoll li dawn ma kinitx iċċarathom magħha, għalkemm l-uffiċjali tagħha jidher li kienu disponibbli. Tissottometti li l-Arbitru injora wkoll il-fatt li hija kienet imxiet skont l-obbligi regolatorji tagħha billi pprovdiet lill-appellata d-dokument intestat '*Insurance Product Information Document*' dwar il-polza tat-tip '*TravelPak Policy*'. Tagħlaq is-sottomissjonijiet tagħha billi ssostni li tassew hemm provi biżżejjed sabiex din il-Qorti tiddeċiedi li ma kien hemm l-ebda kopertura assikurattiva għall-*claim* li saret mill-appellata, għaliex is-safra tagħha kienet ġiet ikkanċellata riżultat tal-kundizzjoni medika tagħha qabel il-ħruġ tal-polza relattiva, li kienet teskludi l-kopertura f'dak il-każ. Għalhekk tgħid li hija qiegħda tistieden lill-Qorti sabiex tbiddel il-konklużjonijiet tal-Arbitru.

10. Il-Qorti tgħid li d-deċiżjoni appellata hija tajba. Tgħid li kif sewwa għaraf l-Arbitru, kien proprju l-inċident fejn l-appellata ħabtet sieqha mal-bank meta marret il-quddies, li wassalha sabiex ikkanċellat il-ġita tagħha. Tajjeb ukoll għaraf li l-'*varicose veins*' li minnhom kienet tbati, ċertament ikkontribwew sabiex dan irriżulta f'ferita li minnha beda ħiereġ id-demm, u għalhekk kellha tirrikorri għad-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei, fejn ingħatat il-parir mediku sabiex ma ssifirx. Iżda l-Qorti tgħid li minkejja dak kollu li ssuċċeda sussegwentement, il-fatt jibqa' li l-inċident stess kien il-kawża diretta tal-kanċellament tas-safra, u mhux il-fatt li l-appellata kienet tbati minn '*varicose*

*veins'.* Li kieku din il-kundizzjoni waħedha ħolqot xi problema lill-appellata fejn ġiet kostretta tħassar is-safra tagħha, hemmhekk il-Qorti tagħraf li s-soċjetà appellanta kien ikollha kull raġun li tirrifjuta li tonora l-obbligu tal-ħlas taħt il-polza minħabba l-eżenzjoni li fuqha qiegħda tistrieħ id-difiża tagħha. Madankollu dan mhux il-każ hawnhekk.

11. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, u dan filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**